IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.3.2024
COM(2024) 461 final

2024/0071 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu

{SWD(2024) 461 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni Ewropea ("UE") u l-Eġittu qablu li japprofondixxu r-relazzjoni tagħhom u jiżviluppaw sħubija strateġika u komprensiva għal prosperità, stabbiltà u sigurtà kondiviżi, ibbażata fuq interess konġunt u fiduċja reċiproka u li tibni fuq l-aġenda pożittiva diġà eżistenti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu. Is-Sħubija Strateġika u Komprensiva se tkopri oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni deskritti fid-Dikjarazzjoni Konġunta, miġbura f'sitt pilastri ta' intervent, jiġifieri: relazzjonijiet politiċi; stabbiltà ekonomika; investiment u kummerċ; migrazzjoni; kooperazzjoni fis-sigurtà u fl-infurzar tal-liġi; demografija u kapital uman. L-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma se tisfrutta l-potenzjal sħiħ tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu.

Is-sħubija se tkun issostanzjata minn pakkett finanzjarju li jikkonsisti f'appoġġ għal perjodu ta' żmien qasir u twil għall-aġenda ta' riforma makrofiskali u soċjoekonomika meħtieġa, kif ukoll żieda fl-ammonti disponibbli biex jiġu appoġġati l-investimenti fl-Eġittu u appoġġ immirat għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi differenti.

Dan il-pakkett finanzjarju se jiġi pprovdut f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli fejn l-Eġittu għad għandu ħtiġijiet ta' finanzjament imdaqqsa u mhux issodisfati. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Eġizzjani talbu appoġġ permezz ta' assistenza makrofinanzjarja ("AMF") mill-UE fit-12 ta' Marzu 2024 wara li fis-6 ta' Marzu 2024, tħabbar ftehim fil-livell tal-persunal tal-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") dwar Faċilità ta' Fond Estiża miżjuda ta' USD 8 biljun.

Wara li wriet ċertu reżiljenza matul il-pandemija, parzjalment bis-saħħa tar-riformi fil-kuntest ta' programmi suċċessivi tal-FMI mill-2016, is-sitwazzjoni makrofiskali tal-Eġittu marret ċarament għall-agħar matul dawn l-aħħar xhur. Matul dawn l-aħħar sentejn, il-pressjonijiet esterni intensifikaw u d-dejn tal-Eġittu kompla jiżdied, u dan jirrifletti wkoll implimentazzjoni aktar kajmana tar-riformi maqbula fil-Ftehim fil-Livell tal-Persunal mal-FMI ta' Ottubru 2022. Ir-riperkussjonijiet tal-gwerra tar-Russja fuq l-Ukrajna u l-attakki terroristiċi tal-Ħamas fl-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 wasslu għal ħruġ ta' kapital fit-tul u esportazzjonijiet tas-servizzi aktar baxxi, b'mod partikolari mit-turiżmu u mir-rikavati mill-Kanal ta' Suez. Dan huwa partikolarment ta' sfida fis-sitwazzjoni fiskali diffiċli tal-Eġittu b'dejn pubbliku li qed jikber u defiċits persistenti, kif ukoll defiċit kroniku fil-kont kurrenti. Minn April 2023, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni ewlenin waqqgħu l-klassifikazzjonijiet tal-Eġittu, u eventwalment tefgħu l-klassifikazzjoni tad-dejn sovran tal-pajjiż għal taħt il-grad ta' investiment wara li faqqa' l-kunflitt ta' Gaża. L-Eġittu qed ikompli jiffaċċja sfidi sinifikanti ħafna, inkluż l-inflazzjoni għolja, l-impronta ekonomika stabbilita tal-istat, l-ineffiċjenzi fis-suq tal-kambju, u l-effetti konsegwenzjali mill-kunflitt f'Gaża, li komplew idgħajfu l-istabbiltà ekonomika tal-Eġittu u poġġew pressjoni fuq il-pożizzjoni esterna u fiskali tal-pajjiż filwaqt li żiedu l-vulnerabbiltà ġenerali tal-pajjiż għal xokkijiet esterni.

Fl-isfond tad-deterjorament tal-istabbiltà reġjonali u r-rwol importanti tal-Eġittu fir-reġjun, il-konklużjoni ta' ftehim fil-livell tal-persunal dwar programm ġdid tal-FMI u wara valutazzjoni fil-fond tas-sitwazzjoni ekonomika fl-Eġittu u fil-kuntest tas-Sħubija Strateġika u Komprensiva bejn l-Eġittu u l-UE, il-Kummissjoni qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tipprovdi AMF ġdida sa EUR 4 biljun għall-benefiċċju tal-Eġittu, bħala parti minn pakkett globali tal-AMF sa EUR 5 biljun f'self.

L-AMF proposta tgħin lill-Eġittu jkopri parti mid-diskrepanza fil-finanzjament estern ġenerali tiegħu, li hija stmata għal madwar USD 17,7 biljun, fil-kuntest tal-programm il-ġdid tal-FMI matul il-perjodu 2024-2027.

L-iżborż isir fi tliet pagamenti parzjali, bir-rilaxx ta' kull pagament parzjali, inkluż l-ewwel wieħed, strettament marbut ma' progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni kemm tal-programm tal-FMI kif ukoll fir-rigward tal-għadd ta' miżuri ta' politika addizzjonali li għandu jintlaħaq qbil dwarhom bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Eġizzjani u elenkati f'Memorandum ta' Qbil (MtQ). Fil-prinċipju, il-MtQ jista' jinkludi riformi għall-promozzjoni tar-rwol tas-settur privat fl-ekonomija, ir-riformi tal-politika monetarja u dwar ir-rati tal-kambju, it-tkomplija tar-riformi tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (ĠFP) u t-titjib tal-mekkaniżmu ta' appoġġ soċjali.

Kif elaborat aktar fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni tqis, abbażi wkoll tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni politika magħmula mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li l-prekundizzjonijiet ekonomiċi għall-operazzjoni tal-AMF proposta huma ssodisfati, filwaqt li l-progress fir-rigward tal-prekundizzjonijiet politiċi se jiġi mmonitorjat kontinwament sabiex jiġi żgurat li l-konformità mal-kriterji timxi f'direzzjoni sodisfaċenti.

- **Kuntest ġenerali**

It-tkabbir naqas b'konsegwenza ta' fatturi kemm domestiċi kif ukoll esterni. Wara rkupru qawwi wara l-pandemija ta' 6,7 % matul is-sena fiskali (SF, Lulju-Ġunju) 21/22, it-tkabbir tal-PDG reali naqas għal 3,8 % fis-sena fiskali 22/23 u kompla jonqos għal 2,6 % sena wara sena matul it-trimestru bejn Lulju u Settembru 2023. L-inflazzjoni għolja, l-inċertezza marbuta mar-rata tal-kambju u l-implimentazzjoni kajmana tar-riforma kienu ta' piż fuq il-konsum u l-investiment. L-esportazzjonijiet tas-servizzi li qabel kienu b'saħħithom ġew taħt pressjoni hekk kif il-kunflitt fil-Gaża jxekkel it-turiżmu u l-attakki mill-Houthi fil-Baħar l-Aħmar naqqsu r-rikavati mill-Kanal ta' Suez. L-attività tas-settur privat mhux taż-żejt, imkejla mill-Purchasing Managers' Index, baqgħet restrittiva f'Jannar 2024 hekk kif iddgħajfu il-kotba tal-ordnijiet u naqas l-output. L-aspettattivi tan-negozju ddeterjoraw taħt id-domanda tal-klijenti f'diffikultà. Sa Diċembru 2023, il-qgħad naqas bi ftit għal 6,9 %.

L-inflazzjoni baqgħet għolja, fost rata tal-kambju parallela volatili, li ddevjat sostanzjalment mir-rata tal-kambju uffiċjali li kienet prattikament stabbli matul il-biċċa l-kbira tal-2023 u l-bidu tal-2024. L-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur kienet ta' 29,8 % sena wara sena f'Jannar 2024, wara medja annwali ta' 33,8 % fl-2023. Sinifikattivament, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel immoderaw xi ftit iżda kienu għadhom għoljin, 47,9 % f'Jannar, fejn l-infiq korrispondenti jammonta għal madwar terz tal-qoffa tal-konsumaturi. Qabel il-kriżi attwali, madwar 30 % tal-popolazzjoni diġà kienet fil-faqar, u b'hekk kienet partikolarment affettwata mill-inflazzjoni ogħla tal-prezzijiet tal-ikel. Filwaqt li r-riżervi uffiċjali żdiedu bi ftit sa USD 35,3 biljun jew b'madwar 7 xhur u nofs ta' importazzjonijiet f'Jannar, u l-assi barranin netti totali tas-sistema finanzjarja laħqu pożizzjoni negattiva ta' USD 27,2 biljun f'Diċembru 2023, it-tnejn huma mistennija li jitjiebu minħabba l-influssi mill-investiment tal-Emirati Għarab Magħquda (EGħM) ta' USD 35 biljun imħabbra fit-23 ta' Frar 2024, u r-reġim flessibbli l-ġdid tar-rata tal-kambju. Peress li r-rata tal-kambju uffiċjali ġiet iffissata għal madwar 31 lira Eġizzjana għal kull dollaru Amerikan mill-aħħar żvalutar fi Frar 2023 sa Marzu 2024, in-nuqqasijiet tal-munita barranija wasslu għal suq parallel li qed jiżdied b'rati li jvarjaw bejn 50 u 70 EGP/USD. Meta fis-6 ta' Marzu 2024, ġie ffirmat l-FLS mal-FMI, l-awtoritajiet ippromulgaw reġim ta' munita flessibbli u l-EGP ġie saldat għal madwar 50 EGP/USD. Il-Bank Ċentrali tal-Eġittu (CBE, Central Bank of Egypt) akkumpanja l-bidla għal rata tal-

kambju flessibbli b'żieda mdaqqsa fir-rata tal-imgħax ta' 600 bps f'tentattiv biex titrażżan l-inflazzjoni.

Is-sitwazzjoni tal-finanzi pubbliċi għadha ta' sfida kbira. Id-defiċit fiskali ddeterjora bħala riżultat tal-pagamenti tal-imgħax li dejjem qed jiżdiedu filwaqt li d-dejn pubbliku għadu għoli. Fis-sena fiskali 22/23, id-defiċit baġitarju globali kien baqa' ġeneralment stabbli għal madwar 6 % tal-PDG. Madankollu, l-ewwel nofs tas-sena fiskali 23/24 (Lulju-Diċembru 2023) ra żieda ta' 75,3 % sena wara sena fid-defiċit f'termini nominali hekk kif it-tkabbir fin-nefqa qabeż it-tkabbir fid-dħul, notevolment dovut għall-irduppjar fil-pagamenti tal-imgħax li issa jakkapparaw sa 97,8 % tad-dħul totali tal-baġit matul l-istess perjodu. Għas-sena fiskali 23/24 kollha kemm hi, il-FMI jipprojetta li l-pagamenti tal-imgħax jilħqu 87,2 % tad-dħul totali tal-baġit. Id-defiċit baġitarju globali huwa pproġettat għal 6,3 % tal-PGD fis-sena fiskali 23/24. Id-dejn pubbliku kien ta' 95,9 % tal-PDG fl-aħħar tas-sena fiskali 22/23, żieda minn 88,5 % tas-sena fiskali ta' qabel u l-ogħla li qatt kien mill-2017, u huwa pproġettat li jiżdied għal 96,4 % f'din is-sena fiskali.

Il-kont kurrenti tjieb iżda l-kriżijiet reġjonali joħolqu riskji. Fl-istess ħin, il-ftehim ta' investiment tal-EGħM probabbilment se jżid l-importazzjonijiet. Wara defiċit ta' 3,5 % fis-sena fiskali 21/22, id-defiċit tal-kont kurrenti naqas għal 1,2 % fl-aħħar sena fiskali u tjieb bi 12 % oħra sena b'sena f'termini nominali matul it-trimestru ta' Lulju-Settembru tal-2023. Filwaqt li t-turiżmu u r-rikavati mill-Kanal ta' Suez ipprovdew appoġġ qawwi, l-esportazzjonijiet tal-oġġetti battew. Ir-rimessi naqsu b'mod qawwi hekk kif l-Eġizzjani barra mill-pajjiż evitaw ir-rata tal-kambju uffiċjali sopravalutata. Kompressjoni qawwija tal-importazzjoni għenet biex id-defiċit globali jinżamm taħt kontroll. Id-*data* ta' frekwenza għolja tindika li r-rikavati mit-turiżmu u mill-Kanal ta' Suez, li normalment huma sors ta' introjtu qawwi, minn dak iż-żmien 'l hawn intlaqtu partikolarment ħażin mill-kunflitt f'Gaża u l-attakki tal-Baħar l-Aħmar u r-riskji negattivi korrispondenti għadhom sostanzjali. L-unifikazzjoni tas-sistema tar-rata tal-kambju li qabel kienet frammentata x'aktarx li tgħin biex ir-rimessi jerġgħu lura f'kanali uffiċjali. Fl-istess ħin, l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' investiment tal-EGħM fuq il-post fil-bidu tal-2025 probabbilment se żżid l-importazzjonijiet.

Fis-sena fiskali 22/23, l-Eġittu kważi laħaq l-għan tiegħu ta' USD 10 biljun f'influssi ta' IDB, żieda ta' 12,3 % fuq is-sena fiskali 21/22. Dan kien jinkludi l-bejgħ ta' assi pubbliċi skont il-politika l-ġdida dwar is-sjieda tal-istat. Il-ftehim ta' investiment tal-EGħM se jipprovdi spinta ulterjuri lill-IDB, għalkemm għadu mhux ċar jekk l-investiment immexxi mill-istat mill-fond sovran tal-Emirati hux se jwassal ukoll għal investiment immexxi mis-suq minn bnadi oħra. Il-flussi ta' investiment tal-portafoll, li għalkemm volatili, qabel kienu sors sinifikanti ta' munita b'saħħitha, għadhom ma rritornawx lejn l-Eġittu wara l-ħruġ massiv li beda meta bdiet il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, li jirriflettu vulnerabbiltà ewlenija għall-Eġittu. Ix-xogħol b'lura eżistenti sa issa ta' riformi domestiċi, inkluża l-unifikazzjoni tar-rata tal-kambju tant mistennija u, aktar reċentement, l-inċertezza minħabba l-gwerra f'Gaża x'aktarx li komplew jiskoraġġixxu l-influssi tal-kapital. Moody's naqqset il-prospettiva tal-kreditu sovran tal-Eġittu minn stabbli għal negattiva f'nofs Jannar 2024, u kkwotat ir-riskji minn żieda fis-servizz tal-imgħax, ir-riekwilibriju tar-rata tal-kambju u l-pressjonijiet esterni li dejjem jiżdiedu. Aktar kmieni f'Ottubru 2023, Moody's, S&P u Fitch kollha deklassifikaw id-dejn sovran tal-Eġittu għal taħt il-grad ta' investiment minħabba inflazzjoni rekord, nuqqas kroniku ta' munita barranija u d-dejn pubbliku li qed jikber tal-gvern.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-ebda

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Matul is-snin, l-UE u l-Eġittu żviluppaw relazzjoni politika u ekonomika mill-qrib, ifformalizzata permezz tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li daħal fis-seħħ bis-sħiħ fl-2004. Din ir-relazzjoni reċentement ingħatat impetu ġdid permezz tal-adozzjoni ta' Frar 2021 tas-Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar "Aġenda ġdida għall-Mediterran" u l-adozzjoni sussegwenti tal-prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027) f'Ġunju 2022 fid-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Il-prijoritajiet tas-sħubija jistabbilixxu l-qafas politiku sal-2027 u jkopru tliet oqsma wesgħin: (i) l-immodernizzar tal-ekonomija tal-Eġittu b'mod sostenibbli, (ii) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika barranija, (iii) l-iżgurar tal-istabbiltà permezz tal-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-programm Indikattiv Pluriennali UE-Eġittu (2021-2027), id-dokument ta' programmazzjoni tal-UE għall-Eġittu, huwa bbażat ukoll fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija.

Ir-rabtiet ekonomiċi tal-Eġittu mal-UE huma wkoll żviluppati sew. L-UE tibqa' l-ewwel sieħeb kummerċjali tal-Eġittu f'termini kemm ta' importazzjonijiet kif ukoll ta' esportazzjonijiet u wieħed mill-akbar investituri fl-Eġittu. Fl-2022, l-Eġittu naqqas id-defiċit kummerċjali tiegħu mal-UE bis-saħħa ta' esportazzjonijiet aktar b'saħħithom b'mod partikolari taż-żejt, tal-gass u tal-fertilizzanti. F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE ta' Frar 2021, l-UE hija lesta li taħdem mal-Eġittu fuq il-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bilaterali, inkluż billi tiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-kompetizzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu jiġu implimentati bis-sħiħ, b'mod li jippermettilu jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Il-kooperazzjoni hija mistennija li tkompli tapprofondixxi taħt is-Sħubija Strateġika u Komprensiva għal prosperità, stabbiltà u sigurtà kondiviżi li ġiet ikkonfermata fl-għaxar laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fit-23 ta' Jannar 2024. Din se tkopri oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni, inklużi r-relazzjonijiet politiċi, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istabbiltà makroekonomika, l-investiment u l-kummerċ sostenibbli, l-enerġija, l-ilma, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp tal-kapital uman.

Pajjiżi li huma koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat huma eleġibbli għall-AMF (jekk jissodisfaw kundizzjonijiet differenti). L-AMF tal-UE tikkomplementa l-għotjiet mobilizzati skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali ("NDICI-GE", Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument – Global Europe) u programmi oħra tal-UE. Billi tappoġġa l-adozzjoni mill-awtoritajiet Eġizzjani ta' qafas xieraq għall-politika makroekonomika u r-riformi strutturali, l-AMF tal-UE ttejjeb il-valur miżjud u l-effettività tal-interventi finanzjarji ġenerali tal-UE, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji oħra.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika peress li l-objettivi tar-restawr tal-istabbiltà makroekonomika għal perjodu ta' żmien qasir fl-Eġittu ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-

Istati Membri waħedhom u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet baġitarji ffaċċati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex l-iskala u l-effikaċja tal-assistenza jiġu kemm jista' jkun massimizzati.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità: hija tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-istabbiltà makroekonomika għal perjodu ta' żmien qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Kif imsemmi hawn fuq, l-operazzjoni tal-AMF proposta f'din id-deċiżjoni tkun it-tieni parti ta' pakkett ta' appoġġ tal-AMF globali sa EUR 5 biljun, maqsuma f'operazzjoni tal-AMF għal perjodu ta' żmien qasir sa EUR 1 biljun[1], u l-operazzjoni regolari attwali tal-AMF sa EUR 4 biljun. Kif identifikat mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Faċilità ta' Fond Estiża futura, l-ammont taż-żewġ operazzjonijiet tal-AMF proposti ġodda jikkorrispondi għal 56,7 % tad-diskrepanza fil-finanzjament residwu stmata għall-perjodu bejn is-sena fiskali 24/25 u s-sena fiskali 26/27. Dan huwa konsistenti mal-prattiki standard dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet għall-operazzjonijiet tal-AMF (għal pajjiż bi Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-limitu massimu jkun ta' 60 % skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2002), filwaqt li titqies l-assistenza mwiegħda lill-Eġittu minn donaturi bilaterali u multilaterali oħra.

- **Għażla tal-istrument**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti ma jkunux adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw l-objettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li din l-assistenza ttaffi r-restrizzjoni finanzjarja esterna u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għat-trawwim ta' riformi strutturali fuq bażi wiesa'. Billi tgħin biex jiġi stabbilit qafas ta' politika ġenerali xieraq, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fl-Eġittu permezz ta' strumenti oħrajn tal-UE aktar iffukati.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-AMF qed tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Eġittu. Fit-tħejjija ta' din il-proposta għall-AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-FMI u mal-Bank Dinji, li diġà waqqfu programmi ta' finanzjament konsiderevoli u qed iħejju oħrajn ġodda. Il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Supplenti fit-12 ta' Marzu 2024, fejn ingħatat approvazzjoni għall-abozz ta' proposta. Il-Kummissjoni tinsab ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Eġizzjani.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046[2] ("ir-Regolament Finanzjarju"), is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu fil-ħin għall-implimentazzjoni tal-

[1] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja għal perjodu ta' żmien qasir lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu - COM(2024) 460

[2] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1–222.

assistenza, Valutazzjoni Operazzjonali (OA, Operational Assessment) taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Eġittu sabiex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-assistenza makrofinanzjarja, jipprovdu garanziji adegwati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE hija strument ta' emerġenza eċċezzjonali li għandu l-għan li jindirizza d-diffikultajiet kritiċi għall-pagament tal-bilanċ f'pajjiżi terzi. Għalhekk, din il-proposta dwar l-AMF hija eżentata mir-rekwiżit li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni (SWD(2015)111 final) peress li hemm l-eżiġenza politika li jsir progress malajr f'sitwazzjoni li tkun teħtieġ reazzjoni rapida.

B'mod aktar ġenerali, il-proposti tal-AMF tal-Kummissjoni jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE. L-operazzjoni attwali tal-AMF u l-programm ta' riformi u aġġustamenti ekonomiċi assoċjati magħha, għandhom jgħinu sabiex tittaffa d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Eġittu għal perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġaw il-miżuri ta' politika maħsuba biex isaħħu l-bilanċ tal-pagamenti għal perjodu ta' żmien medju u s-sostenibbiltà fiskali, u biex jiżdied it-tkabbir sostenibbli, biex b'hekk jikkomplimentaw il-programm li għandu jiġi adottat mill-Bord Eżekuttiv tal-FMI. Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet ta' politika jindirizzaw xi whud mid-dgħufijiet fundamentali murija matul is-snin mill-ekonomija Eġizzjana u mis-sistema tal-governanza ekonomika. Fil-prinċipju, oqsma possibbli ta' miżuri ta' riforma tal-politika jistgħu, jinkludu riformi dwar l-għoti tas-setgħa lis-settur privat, ir-riformi tal-politika monetarja u dwar ir-rati tal-kambju, it-tkomplija tar-riformi tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (ĠFP) u t-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' appoġġ soċjali, filwaqt li jibnu wkoll fuq ir-riformi miftiehma skont l-ewwel parti tal-pakkett tal-AMF u jikkomplementaw sforzi oħra appoġġati skont is-Sħubija Komprensiva u Strateġika.

- **Drittijiet fundamentali**

Pajjiżi li huma koperti mill-PEV huma eleġibbli għall-AMF. Prekundizzjoni għall-għoti tal-AMF hija relatata mar-rispett ta' mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari multipartitika u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, fejn fil-każ preżenti l-Eġittu jenħtieġ li jkompli jagħmel passi konkreti u kredibbli sabiex jiġu rrispettati dawn il-kriterji.

L-isfidi tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu għadhom sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali, il-governanza u l-istat tad-dritt. Madankollu, f'dawn l-aħħar ftit snin, it-tmexxija politika fl-Eġittu ħadet diversi passi li jagħmlu enfasi akbar fuq l-importanza tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; aboliet l-istat ta' emerġenza (minbarra f'żoni fis-Sinaj), nediet l-ewwel Strateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem li qatt saret, reġgħet nediet il-Kumitat Presidenzjali tal-Amnestija, li ħeles aktar minn 1000 priġunier politiku u bdiet id-Djalogu Nazzjonali. Barra minn hekk, l-Eġittu intensifika l-impenn tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-UE, u ppermetta għall-ewwel darba ż-żjara tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kajr fl-2022. Dan l-aħħar l-Eġittu beda wkoll jinvolvi ruħu f'fora internazzjonali u qed jikkoopera mal-OHCHR tan-NU fi proġett iffinanzjat mill-UE li għandu l-għan li jistabbilixxi sħubija bejn l-UE u n-NU, li tgħaqqad is-sinerġiji biex tissaħħaħ kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu. L-Eġittu ddikjara wkoll fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq jista' jiġi vvalutat li l-Eġittu ħa xi passi rilevanti biex jissodisfa l-kriterji. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jitkompla l-progress effettiv fl-implimentazzjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Eġittu stess. Il-progress se jiġi mmonitorjat kontinwament matul l-implimentazzjoni tal-AMF sabiex jiġi żgurat li l-konformità mal-kriterji timxi f'direzzjoni sodisfaċenti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Peress li hija t-tieni parti ta' pakkett tal-AMF globali sa EUR 5 biljun f'self, l-operazzjoni tal-AMF proposta għall-Eġittu sa EUR 4 biljun hija prevista li tiġi żborżata fi tliet pagamenti parzjali ġeneralment tal-istess daqs, li għandhom jiġu rilaxxati bejn l-2025 u l-2027. Se jiġu pprovduti dispożizzjonijiet skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna bi proviżjonament ta' 9 %, li se jkun ipprogrammat skont l-NDICI-Ewropa Globali, għal ammont totali ta' EUR 360 miljun (linja baġitarja 14 02 01 70 "NDICI – Ewropa Globali – Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni").

Is-self għandu jingħata fil-forma ta' self ta' amortizzazzjoni b'perjodu ta' grazzja u ripagamenti kapitali sussegwenti f'porzjonijiet ugwali fuq perjodu itwal. Tali struttura ta' self se tkun ta' benefiċċju kemm għall-benefiċjarju, fis-sens li tiffaċilita r-ripagamenti, kif ukoll għall-baġit, billi tifrex l-obbligazzjonijiet kontinġenti fuq perjodu ta' żmien twil.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel l-AMF disponibbli għall-Eġittu b'ammont totali sa EUR 4 biljun, ipprovduta f'forma ta' selfiet b'perjodu ta' żmien minn medju sa twil, li se tikkontribbwixxi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament residwi tal-2025-27 tal-Eġittu. L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżata fi tliet pagamenti parzjali, żborżati b'mod ugwali matul id-durata tal-AMF, dment li l-miżuri ta' politika jkunu ġew implimentati fil-ħin u li l-prekundizzjonijiet rilevanti oħra jibqgħu ssodisfati.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Eġizzjani se jaqblu dwar Memorandum ta' Qbil li jistipula l-miżuri ta' riforma strutturali assoċjati mal-operazzjoni tal-AMF proposta, inklużi aspetti ta' żmien u sekwenzjar. Barra minn hekk, kif normalment ikun il-każ bl-AMF, l-iżborżi jkunu fost l-oħrajn kundizzjonali fuq rieżamijiet sodisfaċenti skont il-programm tal-FMI. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet Eġizzjani biex timmonitorja l-progress fl-azzjonijiet ta' politika u l-prekundizzjonijiet, kif speċifikat hawn fuq.

2024/0071 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu ("l-Eġittu") huma żviluppati fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu, li ilu fis-seħħ sa mill-2004. L-UE u l-Eġittu adottaw l-aħħar Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu (2021-2027) fid-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu fid-19 ta' Ġunju 2022. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jikkonfermaw mill-ġdid l-għan konġunt li jiġu indirizzati l-isfidi komuni li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Eġittu, jiġu promossi l-interessi konġunti u jiġu garantiti l-istabbiltà fit-tul u l-iżvilupp sostenibbli fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran. L-impenn kondiviż għall-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ikompli jirfed il-Prijoritajiet tas-Sħubija, kif rifless ukoll fil-Programm Indikattiv Pluriennali UE-Eġittu għall-perjodu 2021-2027.

(2) Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jirriflettu l-impenn kondiviż tal-UE u l-Eġittu biex isaħħu l-kooperazzjoni b'appoġġ għall-"Viżjoni dwar l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2030" tal-Eġittu u d-determinazzjoni tal-UE li taġixxi fuq impetu mġedded biex issaħħaħ is-sħubija mal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha. B'mod aktar preċiż, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020[3], l-UE ddikjarat il-prijorità strateġika tagħha għal Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u aktar prosperu. L-Aġenda tal-UE għall-Mediterran u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha għall-Ġirien tan-Nofsinhar stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-UE dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar tad-9 ta' Frar 2021, jippreżentaw l-objettivi tal-UE biex jinkisbu rkupru soċjoekonomiku u reżiljenza fit-tul u sostenibbli u biex isir progress fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fir-reġjun.

[3] Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, Brussell, l-10-11 ta' Diċembru 2020, EUCO 22/20, https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/12/11/european-council-conclusions-10-11-december-2020/

(3) F'konformità mal-Prijoritajiet tas-Sħubija, l-UE u l-Eġittu huma impenjati li jiżguraw ir-responsabbiltà, l-istat tad-dritt, ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs bħala drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini kollha tagħhom. Dawn l-impenji jikkontribwixxu għall-avvanz tas-sħubija u għall-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiltà tal-Eġittu. L-impenn akbar u kostruttiv bejn l-UE u l-Eġittu fl-aħħar perjodu fetaħ it-triq għal djalogu aktar sinifikanti dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Is-sottokumitat dwar Kwistjonijiet Politiċi, id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, Kwistjonijiet Internazzjonali u Reġjonali ta' Diċembru 2022 u l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ta' Mejju 2023 ipprovdew il-pjattaformi istituzzjonali għal skambju dwar firxa ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, li l-UE tixtieq tkompli u tibni fuqu. It-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu se jkollu impatt pożittiv fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu.

(4) L-assistenza lill-Eġittu hija ffinanzjata prinċipalment permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-GE) il-ġdid. L-allokazzjoni indikattiva tal-Unjoni għall-Eġittu skont l-NDICI għall-ewwel perjodu (2021-2024) tal-Programm Indikattiv Pluriennali (MIP, Multiannual Indicative Programme) hija ta' EUR 240 miljun. Dan minbarra l-portafoll ta' kooperazzjoni li għaddej bħalissa ta' EUR 1,3 biljun u miżuri oħra ta' appoġġ baġitarju u ta' emerġenza b'rispons għall-pandemija u l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna li jammontaw għal EUR 307 miljun. Il-prijoritajiet tas-sħubija għall-2021-2027 huma stabbiliti fl-MIP tal-UE-Eġittu, li tħejja f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u jkopri tliet oqsma wesgħin: i) Ekonomija Moderna Sostenibbli u Żvilupp Soċjali; ii) Sħubija fil-Politika Barranija, u iii) Tisħiħ tal-Istabbiltà. L-istrumenti NDICI jissostitwixxu l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI, European Neighbourhood Instrument) li skontu l-assistenza bilaterali tal-UE lill-Eġittu għall-perjodu 2014 – 2020 ammontat għal EUR 756 miljun.

(5) L-UE tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-Eġittu għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali. It-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-kunflitti huma theddid komuni kontra s-sigurtà tagħna u n-nisġa soċjali tan-nazzjonijiet madwar iż-żewġ naħat tal-Mediterran. Għalhekk, l-UE u l-Eġittu għandhom interess komuni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni enfasizzata fil-Prijoritajiet tas-Sħubija, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

(6) Filwaqt li tfakkar fl-isfidi ġeopolitiċi, bħall-konsegwenzi tal-attakki terroristiċi tal-Ħamas fl-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 kif ukoll il-konflitt fis-Sudan, u l-importanza strateġika tal-Eġittu bħala l-akbar pajjiż fir-reġjun u pilastru ta' stabbiltà għal-Lvant Nofsani kollu, l-Unjoni qed tibda tikkonkludi Sħubija Strateġika u Komprensiva mal-Eġittu kif deskritt fid-Dikjarazzjoni Konġunta.

(7) L-objettiv tas-Sħubija Strateġika u Komprensiva mal-Eġittu huwa li r-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u l-Eġittu jiġu elevati għal sħubija strateġika u li l-Eġittu jkun jista' jwettaq ir-rwol ewlieni tiegħu li jipprovdi stabbiltà fir-reġjun. Is-sħubija għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-appoġġ tar-reżiljenza makroekonomika tal-Eġittu u tippermetti l-implimentazzjoni ta' riformi soċjoekonomiċi ambizzjużi b'mod li jikkomplementa u jsaħħaħ il-proċess ta' riforma previst skont il-programm tal-FMI għall-Eġittu. Kif deskritt fid-Dikjarazzjoni Konġunta, is-sħubija se tindirizza sett wiesa' ta' miżuri ta' politika miġbura f'sitt pilastri ta' intervent, jiġifieri: relazzjonijiet politiċi; stabbiltà ekonomika; investiment u kummerċ; migrazzjoni; kooperazzjoni fis-sigurtà u fl-infurzar tal-liġi; demografija u kapital uman.

(8) Is-sħubija se tkun issostanzjata minn pakkett finanzjarju ta' EUR 7,4 biljun li jikkonsisti f'appoġġ fuq terminu qasir u twil għall-aġenda ta' riforma makrofiskali u soċjoekonomika meħtieġa, kif ukoll żieda fl-ammonti disponibbli biex jappoġġaw l-investimenti fl-Eġittu u appoġġ immirat għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi differenti. Parti mill-pakkett ta' appoġġ hemm il-pakkett tal-AMF tal-UE sa EUR 5 biljun f'self, magħmul minn żewġ operazzjonijiet tal-AMF, waħda għal perjodu ta' żmien qasir sa EUR 1 biljun u l-oħra għal perjodu ta' żmien aktar medju u ordinarju sa EUR 4 biljun, strumenti finanzjarji, bħal garanziji u strumenti ta' taħlit, immirati lejn il-mobilizzazzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati bl-objettiv li jiġġeneraw investimenti ġodda sostanzjali. Dan se jiġi kkomplementat minn programmi li jappoġġaw prijoritajiet speċifiċi skont is-Sħubija Strateġika u Komprensiva permezz ta' proġetti individwali u assistenza teknika implimentati skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali[4].

(9) Is-sitwazzjoni makrofiskali tal-Eġittu ffaċċjat sfidi sinifikanti u ddeterjorat sostanzjalment matul dawn l-aħħar xhur, hekk kif il-pressjonijiet esterni intensifikaw u d-dejn pubbliku kompla jiżdied, b'riskji negattivi sostanzjali għall-prospettiva ekonomika persistenti. Ir-riperkussjonijiet tal-gwerra tar-Russja fuq l-Ukrajna u l-attakki terroristiċi tal-Ħamas kontra l-Iżrael wasslu għal ħruġ ta' kapital fit-tul u riċevuti ta' munita barranija aktar baxxi, b'mod partikolari minħabba il-waqgħa qawwija fl-introjtu mit-turiżmu u mir-rikavati mill-Kanal ta' Suez. Dan huwa partikolarment ta' sfida fost is-sitwazzjoni fiskali diffiċli tal-Eġittu, li hija kkaratterizzata minn defiċits fiskali kostanti u proporzjonijiet għoljin u dejjem akbar ta' dejn għall-PDG.

(10) L-Eġittu għamel sforzi konsiderevoli ta' riforma matul l-impenn tiegħu mal-FMI fl-2016-2021. Ir-riformi kienu jinkludu żvalutar sinifikanti tal-munita, akkumpanjat minn riformi tal-politika monetarja ffukati fuq kuritur fil-mira tal-inflazzjoni. Ir-riforma tas-sussidju tal-fjuwil kienet akkumpanjata minn tisħiħ sinifikanti ta' sistema ta' trasferiment soċjali mmirata. Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ssaħħet bl-iżvilupp ta' strateġiji tal-immaniġjar tad-dħul u tad-dejn għal perjodu ta' żmien medju. L-awtoritajiet bdew ukoll itejbu l-governanza tal-intrapriżi tal-istat (SOEs, state-owned enterprises).

(11) Wara l-adozzjoni ta' programm ta' segwitu tal-FMI f'Diċembru 2022, il-progress fir-riforma kien inqas notevoli, għalkemm l-Eġittu implimenta passi biex joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-kumpaniji pubbliċi u privati permezz ta' liġi biex jiġu aboliti l-privileġġi tat-taxxa tal-SOEs, għalkemm b'eżenzjonijiet abbażi tas-sigurtà nazzjonali, u permezz tal-adozzjoni ta' politika ta' sjieda tal-istat, bl-għan li titnaqqas il-preżenza tal-istat fl-ekonomija, li għadha qawwija u li toħloq distorsjoni minkejja l-progress limitat reċenti u tiċċara r-raġunament tal-involviment kontinwu tal-istat f'ċerti setturi strateġiċi. Madankollu, l-Eġittu ma implimentax l-impenn tiegħu li jagħmel il-munita flessibbli b'mod durabbli fl-2023, u dan wassal għal rata tal-kambju uffiċjali fil-biċċa l-kbira stabbli u suq tal-munita parallel sostanzjali b'rata tal-kambju deprezzata b'mod sinifikanti u

[4] Stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

volatili ħafna. Din il-frammentazzjoni kienet ta' piż kbir fuq l-investiment barrani u l-attività tan-negozju domestiku.

(12) L-Eġittu reġa' impenja ruħu mal-FMI fil-bidu tal-2024 u laħaq ftehim fil-livell tal-persunal fis-6 ta' Marzu 2024 dwar programm imġedded tal-Faċilità ta' Fond Estiża li tela' għal USD 8 biljun. Il-programm il-ġdid huwa mistenni li jiġi adottat mid-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI f'Marzu 2024 u għandu l-għan li jindirizza l-oqsma ta' 1) il-flessibbiltà kredibbli tar-rata tal-kambju, 2) l-issikkar sostenibbli tal-politika monetarja, 3) il-konsolidazzjoni fiskali biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tad-dejn, 4) qafas ġdid biex jitrażżan l-infiq fuq l-infrastruttura, 5) l-għoti ta' livelli adegwati ta' nfiq soċjali biex jiġu protetti l-gruppi vulnerabbli, u 6) l-implimentazzjoni tal-Politika tas-Sjieda tal-Istat u r-riformi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Flimkien mal-iffirmar tal-ftehim fil-livell tal-persunal, l-Eġittu wettaq ukoll flessibilizzazzjoni tar-rata tal-kambju, u żied ir-rata ta' politika ewlenija tal-bank ċentrali b'600 punt bażi mdaqqsa, f'konformità mal-prijoritajiet tal-programm tal-FMI.

(13) Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika li sejra għall-agħar u l-prospettiva mxekkla minn riskji negattivi sostanzjali fir-rigward ta' xokkijiet esterni li għaddejjin bħalissa, l-Eġittu talab assistenza makrofinanzjarja komplementari mill-Unjoni fit-12 ta' Marzu 2024.

(14) Minħabba li l-Eġittu huwa pajjiż kopert mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, jenħtieġ li jitqies bħala eliġibbli biex jirċievi l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(15) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni tkun strument eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċi tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u jenħtieġ li tirfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' riforma strutturali u ta' aġġustament immedjat maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti.

(16) Minħabba li għad hemm diskrepanza sinifikanti fil-finanzjament estern residwu tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Eġittu lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li għandha tingħata lill-Eġittu, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali qed titqies bħala tweġiba xierqa għat-talba tal-Eġittu li tiġi appoġġata l-istabilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI. Il-pakkett ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluża l-AMF sa EUR 4 biljun skont din il-proposta, jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika u lill-aġenda ta' riforma strutturali tal-Eġittu, filwaqt li jissupplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli skont l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

(17) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġa l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Eġittu, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu.

(18) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-Eġittu, u tqis il-kapaċità tiegħu ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji tiegħu, partikolarment ir-riżervi internazzjonali għad-dispożizzjoni tiegħu. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija parti minn sforz internazzjonali konġunt, li tikkomplementa b'mod effettiv il-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u mill-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-

kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fl-Eġittu l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji, l-objettivi u l-miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.

(20) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni fil-konfront tal-Eġittu. Jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bil-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u jiggarantixxu l-konsistenza tagħha.

(21) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-impenn tal-Eġittu li jrawwem valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tiegħu lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq regoli, u ġust.

(22) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Eġittu jenħtieġ li tkun li l-pajjiż jkompli jagħmel passi konkreti u kredibbli sabiex jiġu rrispettati l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari multipartitika – u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-governanza u s-superviżjoni tas-settur finanzjarju fl-Eġittu u jippromwovu riformi strutturali bl-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien tal-impjiegi diċenti u l-konsolidazzjoni fiskali. Jenħtieġ li l-issodisfar tal-prekundizzjoni kif ukoll il-ksib tal-objettivi speċifiċi jkunu mmonitorjati regolarment mis servizzi tal-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

(23) Biex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbutin mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu mħarsa b'mod effiċjenti, jenħtieġ li l-Eġittu jieħu miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u ta' kull irregolarità oħra marbuta mal-assistenza u l-ġlieda kontrihom. Barra minn hekk, ftehim ta' self li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Eġizzjani jenħtieġ li jkun fih dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) iwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki fuq il-post u spezzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[6], lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu awditi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku

[5] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Ewropew biex jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fir-rigward tal-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tagħha.

(24) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala awtorità baġitarja.

(25) L-ammonti li għandhom jiġu pprovduti meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja fl-għamla ta' self jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(26) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jitħaddmu skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].

(28) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet Eġizzjani taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li bħala regola ġenerali tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li l-proċedura ta' eżami tintuża għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-livell limitu. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Eġittu, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, jew għal kwalunkwe tnaqqis, suspensjoni jew tħassir tal-assistenza.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu sa EUR 4 biljun disponibbli għall-Eġittu ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Eġittu u aġenda ta' riforma sostantiva. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa soġġett fuq l-approvazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Eġittu kif identifikati fil-programm tal-FMI.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2. Sabiex tiffinanzja l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u li ssellifhom lill-Eġittu.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti milħuqa bejn l-FMI u l-Eġittu, u mal-prinċipji u l-objettivi prinċipali tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu.

   Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1) għal perjodu ta' sentejn u nofs.

5. Fejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Eġittu jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu ta' ħlas tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

Artikolu 2

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Eġittu kompli jagħmel passi konkreti u kredibbli sabiex jiġu rrispettati l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari multipartitika – u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[8].

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Eġizzjani dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Qbil ("il-Memorandum ta' Qbil") li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Eġittu bl-appoġġ tal-FMI.

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fl-Eġittu, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli, u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Eġizzjani (il-"Ftehim ta' Self").

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, f'intervalli regolari, li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomiċi tal-Eġittu jkunux f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Għal din il-verifika, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Artikolu 4

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun disponibbli mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali. Id-daqs ta' kull pagament parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3. Pagament parzjali jista' jiġi żborżat f'porzjon wieħed jew iktar.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni mogħtija f'forma ta' self għandhom jiġu pprovduti, fejn meħtieġ, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali soġġetti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prekundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2(1);

(b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li jkun fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom appoġġati minn arranġament ta' kreditu tal-FMI mhux prekawzjonarju;

(c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Ir-rilaxx tat-tieni pagament parzjali ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament parzjali. Ir-rilaxx tat-tielet ħlas parzjali m'għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tat-tieni pagament parzjali.

4. Meta l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha temporanjament tissospendi jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunijiet għal din is-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.

5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi żborżata lill-Bank Ċentrali tal-Eġittu. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu mifthiema fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-

Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti mill-Bank Ċentrali tal-Eġittu lill-Ministeru tal-Finanzi Eġizzjan bħala l-benefiċjarju aħħari.

Artikolu 5

(1) Sabiex tiffinanzja l-appoġġ taħt l-assistenza makrofinanzjarja fil-forma ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

(2) Il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim ta' self mal-Eġittu fir-rigward tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 1. It-termini dettaljati tal-appoġġ taħt l-AMF fil-forma ta' self għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' self f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Eġizzjani. Il-ftehim tas-self għandu jistabbilixxi l-perjodu ta' disponibbiltà u t-termini dettaljati tal-appoġġ taħt l-assistenza makrofinanzjarja fil-forma ta' self, inkluż fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll intern. Is-self għandu jingħata b'termini li jippermettu lill-Eġittu jħallas lura s-self fuq perjodu twil, inkluż perjodu ta' grazzja possibbli. Il-perjodu massimu tas-self għandu jkun ta' 35 sena. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

Artikolu 6

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.

3. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-soliditá tal-arranġamenti finanzjarji tal-Eġittu, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 8

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu:

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

(a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

(b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Eġittu, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);

(c) jindika r-rabta bejn ir-riforma tal-politika ekonomika stipulata fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Eġittu u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew fit-tul inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-qligħ mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien b'mod ieħor jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta dwar l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat dwar l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– **QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

– **1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.

– **1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Qasam ta' politika: Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

– **1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

X azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[10]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

– **1.4. Objettiv(i)**

– *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva "Ekonomija għas-servizz tan-nies" "Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja"

– *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir barra mill-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja.

– *1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

(1) Tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament esterni tal-Eġittu fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tiegħu b'konsegwenza tal-iżviluppi ġeopolitiċi ta' dan l-aħħar. (2) Ittaffi l-ħtiġijiet ta' finanzjament baġitarju tas-sieħeb. (3) Tappoġġa l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali u l-istabbilizzazzjoni esterna fil-kuntest tal-programm tal-FMI. (4) Tappoġġa r-riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u jtejbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

– *1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-awtoritajiet tal-Eġittu se jkunu mitluba jirrappurtaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-konformità mar-riformi ta' politika miftiehma, qabel ma jiġu żborżati l-pagamenti parzjali tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, waqt li jsegwu l-valutazzjoni operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fl-Eġittu. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi sħab se tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma relevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom miksub mill-attivitajiet kontinwi tagħhom fil-pajjiż sieħeb rispettiv.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti *ex post* dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

(a) Effettività u puntwalità: jenħtieġ li l-indikaturi jippermettu l-monitoraġġ tal-prestazzjoni billi jipprovdu informazzjoni dwar il-progress fuq bażi regolari u dwar il-kisbiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

(b) Effiċjenza: jenħtieġ li l-proċessi jiġu ottimizzati għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data*, filwaqt li jiġu evitati t-talbiet mhux meħtieġa jew duplikati għal informazzjoni

(c) Ir-rilevanza tal-indikaturi u l-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv assoċjat.

(d) Ċarezza: jenħtieġ li l-indikaturi jingħataw f'forma ċara u li tinftiehem, b'*metadata* ta' appoġġ u f'forma li tiffaċilita interpretazzjoni xierqa u komunikazzjoni sinifikanti.

– **1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

– *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew fit-tul inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-iżborż tal-assistenza se jkun jiddependi fuq it-twettiq tal-prekundizzjonijiet politiċi u rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm ekonomiku bejn l-Eġittu u l-FMI, li dwaru ntlaħaq ftehim fil-livell tal-Persunal fis-6 ta' Marzu 2024, wara l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet tal-Eġittu ta' għadd ta' azzjonijiet preċedenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Eġittu dwar riformi speċifiċi ta' politika, elenkati f'Memorandum ta' Qbil.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżjata fi tliet pagamenti parzjali. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali huwa mistenni li jsir fl-2025. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali huwa mistenni li jsir fl-2025, filwaqt li l-iżborżi li jkun fadal jiġu distribwiti tul il-bqija tal-perjodu, dment li l-miżuri ta' politika marbuta ma' kull pagament parzjali jkunu ġew implimentati f'waqthom.

Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

– *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-qligħ mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku b'mod ieħor kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-istrument tal-assistenza makrofinanzjarja huwa strument ibbażat fuq il-politika li għandu l-għan li jtaffi l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern fuq terminu qasir u medju. Fil-kuntest tal-kriżi reġjonali attwali, l-AMF se tgħin biex tipprovdi spazju ta' politika ekonomika u fiskali għall-awtoritajiet biex jimmuntaw rispons ekonomiku effettiv għall-kriżi. Permezz tal-għajnuna lis-sieħeb biex jegħleb id-diffikultajiet ekonomiċi amplifikati b'konsegwenza tal-iżviluppi ġeopolitiċi ta' dan l-aħħar u b'mod partikolari l-gwerra fil-Lvant Nofsani u l-kriżi konsegwenti tal-baħar l-aħmar, l-AMF proposta se tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istabbiltà makroekonomika u politika fil-pajjiżi sħab. L-AMF se tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, id-donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE. B'hekk, se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-komunità internazzjonali, kif ukoll ta' assistenza finanzjarja oħra tal-UE, inklużi operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, billi jipprovdi finanzjament fit-tul f'termini konċessjonali ħafna, normalment inqas mill-bqija tad-donaturi internazzjonali jew bilaterali, il-programm tal-AMF huwa mistenni li jgħin lill-gvern jesegwixxi l-baġit tiegħu mingħajr devjazzjonijiet fiskali u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-AMF, il-programm propost se jsaħħaħ l-impenn ta' riforma tal-gvern. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn permezz ta' miżuri ta' riforma xierqa li jakkumpanjaw l-iżborż tal-assistenza.

– *1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja fil-pajjiżi sħab huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. L-evalwazzjonijiet li saru sa issa (fuq programmi tal-AMF li tlestew), ikkonkludew li l-operazzjonijiet tal-AMF jikkontribwixxu, għalkemm xi kultant modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, l-istabbiltà makroekonomika, u l-kisba ta' riformi strutturali fil-pajjiż sieħeb. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-operazzjonijiet tal-AMF kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċi tal-pagamenti tal-pajjiż sieħeb u għenu biex itaffu l-limitazzjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

– *1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-proviżjonament tas-self tal-AMF se jkun kopert mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fi ħdan l-istrument Ewropa Globali (l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali).

Sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

– *1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Bl-użu ta' self, din l-operazzjoni tal-AMF żżid l-effikaċja tal-baġit tal-UE permezz tal-effett ta' ingranaġġ u tipprovdi l-aktar għażla kosteffiċjenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali f'isem kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Euratom bl-użu tal-garanzija tal-baġit tal-UE. L-għan huwa li jinkisbu fondi mis-suq bl-aħjar rati disponibbli minħabba l-istatus ta' kreditu tal-ogħla livell (klassifikat AAA minn Fitch, Moody's u DBRS, AA minn S&P, kollha bi prospettiva stabbli) tal-UE/Euratom u mbagħad jissellfu lil mutwatarji eliġibbli fil-kuntest ta' self taħt l-EFSM, il-BtP, l-AMF u lill-proġetti tal-Euratom. L-għoti u t-teħid b'self jitwettqu b'operazzjoni spalla ma' spalla, li tiżgura li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew mal-munita barranija. Il-mira li jinkisbu fondi bl-aħjar rati disponibbli għal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self inkisbet minħabba li dawk ir-rati huma konformi ma' istituzzjonijiet pari (il-BEI, l-EFSM, u l-MES).

– **1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

X durata limitata

X Fis-seħħ mill-2025 sal-2027

☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

– **1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[11]

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– **X** mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni jew korpi fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

[11] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

– **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

– **2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm appoġġat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-arranġament tal-FMI u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tas-sħab f'Memorandum ta' Qbil bi frekwenza li tkun konsistenti ma' għadd ta' pagamenti parzjali (Ara wkoll il-punt 1.4.4).

– **2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

– *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-iżborżi tal-MFA huma dipendenti fuq rieżamijiet b'suċċess, u marbuta mat-twettiq tal-miżuri ta' riforma li jakkumpanjaw kull operazzjoni. L-implimentazzjoni tar-riformi hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.

– *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

– *2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Is-sistemi tal-kontroll fis-seħħ, bħall-valutazzjonijiet operazzjonali *ex ante* jew il-valutazzjonijiet *ex post*, żguraw rata effettiva ta' żball għall-pagamenti tal-AMF ta' 0 %. Ma hemm l-ebda każ magħruf ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-AMF għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-assigurazzjoni u tal-kisba tal-objettivi u l-prijoritajiet ta' politika.

– **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Sabiex jimmitigaw ir-riskji tal-użu frodulenti ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-Ftehim ta' Self se jikkonsisti f'sett ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' miżuri speċifiċi ta' riforma politika, inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabbiltà. Barra minn hekk, l-assistenza se titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Ċentrali tal-pajjiż sieħeb.

Fl-aħħar nett, l-assistenza se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

– **3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

– **3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

– Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[12]	mill-pajjiżi tal-EFTA[13]	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali [14]	minn pajjiżi terzi oħra	ħul assenjat ieħor
	14 02 01 70 NDICI — Ewropa Globali — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni [self tal-AMF — EAG][15]	Diff.	LE	LE	LE	LE

– Linji baġitarji ġodda mitluba - Mhux applikabbli

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħrajn	ħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

12 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
13 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
14 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.
15 Li għandu jissaħħaħ mill-Viċinat tan-Nofsinhar tal-NDICI, linja baġitarja 14 02 01 10

– **3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta dwar l-approprjazzjonijiet**

– *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat dwar l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	6	**Intestatura 6 - "Il-Viċinat u d-Dinja"**

DĠ: ECFIN			Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Linja baġitarja[16]	Impenji	(1a)		135	112,5	112,5				360
14 02 01 70 NDICI — Ewropa Globali — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni [self tal-AMF — EAG][17]	Pagamenti	(2a)		135	112,5	112,5				360
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[18]										
Linja baġitarja	Impenji	(3)				0,15				0,15

16 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

17 Li għandu jissaħħaħ mill-Viċinat tan-Nofsinhar tal-NDICI, linja baġitarja 14 02 01 10

18 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

14 20 03 01 Għotjiet tal-AMF	Pagamenti	(4)				0,15				0,15
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ECFIN	Impenji	=1a+1b +3		135	112,5	112,65				360,15
	Pagamenti	=2a+2b +3		135	112,5	112,65				360,15

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)		135	112,5	112,5				360
	Pagamenti	(5)		135	112,5	112,5				360
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)				0,15				0,15
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6		135	112,5	112,65				360,15
	Pagamenti	=5+ 6		135	112,5	112,65				360,15

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)		135	112,5	112,5				360
	Pagamenti	(5)		135	112,5	112,5				360
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)				0,15				0,15
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6		135	112,5	112,65				360,15
	Pagamenti	=5+ 6		135	112,5	112,65				360,15

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela bl-użu tad-"*data* bażitarja ta' natura amministrattiva" li qabel xejn trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-bażit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), imtella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
DĠ:ECFIN						
○ Riżorsi umani		1,424	1,424	1,424	1,424	5,696
○ Nefqiet amministrattivi oħra		0,005	0,005	0,005	0,005	0,020
TOTAL DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet	1,429	1,429	1,429	1,429	5,716

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	1,429	1,429	1,429	1,429	5,716

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,429	136,429	113,929	114,079	365,866
	Pagamenti	1,429	136,429	113,929	114,079	365,866

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	Tip[19]	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru totali	Kost totali
- Output 1	Proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna			1	135	1	112,5	1	112,5	3	360
- Output 2	Evalwazzjoni *ex post*							1	0,15	1	0,15
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1											
KOST TOTALI				1	135	1	112,5	2	112,65	4	360,15

[19] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

– *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	1,424	1,424	1,424	1,424	5,696
Nefqa amministrattiva oħra	0,005	0,005	0,005	0,005	0,020
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1,429	1,429	1,429	1,429	5,716

Barra mill-INTESTATURA 7[20] tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani					
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva					
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali					

TOTAL	1,429	1,429	1,429	1,429	5,716

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[20] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

– 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		8	8	8	8
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)					
01 01 01 11 (Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)					
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 xx **yy zz** [21]	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
01 01 01 02 (AC, END, INT — Riċerka indiretta)					
01 01 01 12 (AC, END, INT — Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL		8	8	8	8

XX huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[21] Sublimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Direttur Dir. D: Jissorvelja u jimmaniġġa l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinnegozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-Eġittu, janalizza r-rapporti, imexxi l-missjonijiet u jivvaluta l-progress bl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma. Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D: Assistenza lid-Direttur fil-ġestjoni tal-operazzjoni, koordinazzjoni mal-Kunsill u mal-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-MtQ, negozjar tal-MtQ u tal-Ftehim ta' Self (flimkien mad-DĠ BAĠIT) mal-awtoritajiet tal-Eġittu, analiżi tar-rapporti u valutazzjoni tal-progress bl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma. Ekonomisti skont il-pajjiż, is-settur tal-AMF (Dir. D): Tħejjija tad-Deċiżjoni u tal-MtQ, koordinazzjoni mal-awtoritajiet u mal-IFIs, twettiq ta' missjonijiet ta' analiżi, tħejjija tar-rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-ġestjoni tal-assistenza, koordinazzjoni ma' esperti esterni għall-valutazzjoni operattiva u l-evalwazzjoni *ex post.* 5 AD, 1 AST se jkunu koperti minn persunal li bħalissa qed jaħdem fuq attivitajiet tal-AMF u ma' ekonomisti skont il-pajjiż li attwalment qed jaħdmu fuq l-Eġittu. Madankollu, l-ammont ta' xogħol ġenerali tal-attivitajiet tal-AMF se jiżdied b'mod partikolari biex jappoġġa l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni strutturata u biex jiġu żviluppati metodoloġiji u għodod għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi marbuta mal-assistenza tal-AMF. Għal din ir-raġuni, huma meħtieġa kariga 1 ta' AD u kariga 1 ta' AST addizzjonali. DĠ BUDGET: Tħejjija tal-Ftehim ta' Self, negozjar mal-awtoritajiet tal-Eġittu u żgurar li dan jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Segwitu tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Self. Tħejjija tad-deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni(jiet) ta' self, segwiment tal-preżentazzjoni tat-Talba/iet għal Fondi, għażla ta' banek, tħejjija u eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni(jiet) ta' finanzjament u żborż tal-fondi lill-pajjiż. Twettiq ta' attivitajiet ta' back-office għas-segwitu tar-rimborż tas-self(iet). Tħejjija tar-rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet.
Persunal estern	

– *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif ddefiniti fir-Regolament QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li jintużaw.

☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**[22]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[22] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni mistennija (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

– **3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul ieħor
- indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[23]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[23] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

ANNESS
tad-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Eġittu

1. NUMRU u KOST tar-RIŻORSI UMANI KKUNSIDRATI MEĦTIEĠA
2. KOST ta' NEFQA AMMINISTRATTIVA OĦRA
3. KOSTIJIET AMMINISTRATTIVI TOTALI
4. METODI tal-KALKOLU UŻATI għall-ISTIMI tal-KOSTIJIET

4.1. Riżorsi umani

4.2. Nefqa amministrattiva oħra

Dan l-Anness għandu jinhemeż mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva meta titnieda l-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

It-tabelli tad-data jintużaw bħala sors għat-tabelli inklużi fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. Dawn huma strettament għall-użu intern fil-Kummissjoni.

1. Kost tar-riżorsi umani kkunsidrati neċessarji

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		**Sena 2024**		**Sena 2025**		**Sena 2026**		**Sena 2027**		**-**		**-**		**-**		**TOTAL**	
		FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjon
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)																	
20 01 02 01 - Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' rappreżentanza	AD	6	1,068	6	1,068	6	1,068	6	1,068							24	4,272
	AST	2	0,356	2	0,356	2	0,356	2	0,356							8	1,424
20 01 02 03 - Delegazzjonijiet tal-Unjoni	AD																
	AST																
• Persunal estern [24]																	
20 02 01 u 20 02 02 – Persunal estern – Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza	AC																
	END																
	INT																
20 02 03 – Persunal estern -	AC																
	AL																

[24] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

Delegazzjonijiet tal-Unjoni	END																
	INT																
	JPD																
Linji baġitarji oħrajn relatati mar-riżorsi umani (*speċifika*)																	
Subtotal tal-HR - INTESTATURA 7		8	1,424	8	1,424	8	1,424	8	1,424							24	5,696

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

arra mill-INTESTATURA 7		**Sena N**[25]		**Sena N+1**		**Sena N+2**		**Sena N+3**		**Sena N+4**		**Sena N+5**		**Sena N+7**		**T**	
qafas finanzjarju pluriennali		FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Approprjazzjonijiet	FTE	Ap
zjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)																	
01 Riċerka[26]	AD																
	AST																

[25] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni mistennija (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

[26] Agħżel il-linja baġitarja rilevanti, jew speċifika oħra jekk ikun meħtieġ; f'każ li jkunu kkonċernati aktar linji baġitarji, jenħtieġ li l-persunal ikun differenzjat minn kull linja baġitarja kkonċernata.

11 Riċerka (jekk speċifika)																		
unal estern [27]																		
estern minn azzjonijiet onali (li kienu l-linji	- fil-Kwartieri Ġenerali	AC																
		END																
		INT																
	- fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni	AC																
		AL																
		END																
		INT																
		JPD																
02 Riċerka	AC																	
	END																	
12 Riċerka (jekk)[28]	INT																	
itarji oħrajn mar-riżorsi *peċifika*)																		
tal tal-HR rra mill-TATURA 7																		

[27] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[28] Agħżel il-linja baġitarja rilevanti, jew speċifika oħra jekk ikun meħtieġ; f'każ li jkunu kkonċernati aktar linji baġitarji, jenħtieġ li l-persunal ikun differenzjat minn kull linja baġitarja kkonċernata.

tal-HR (l-staturi tal-QFP)																

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

2. Kost ta' nefqa amministrattiva oħra

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**-**	**-**	**-**	**Total**
Fil-kwartieri ġenerali jew fit-territorju tal-UE:								
20 02 06 01 - Spejjeż ta' missjonijiet u ta' rappreżentanza	0,005	0,005	0,005	0,005				0,020
20 02 06 02 - Kostijiet tal-konferenzi u tal-laqgħat								
20 02 06 03 - Kumitati[29]								
20 02 06 04 Studji u konsultazzjonijiet								
20 04 – Nefqa tal-IT (korporattiva)[30]								
Linji baġitarji oħrajn mhux relatati mal-HR (*speċifika fejn meħtieġ*)								
Fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni								
20 02 07 01 - Spejjeż ta' missjonijiet, ta' konferenzi u ta' rappreżentanza								
20 02 07 02 - Taħriġ ulterjuri tal-persunal								
20 03 05 – Infrastruttura u loġistika								
Linji baġitarji oħrajn mhux relatati mal-HR (*speċifika fejn meħtieġ*)								

[29] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

[30] Hija meħtieġa l-opinjoni tad-DĠ DIGIT – Tim tal-Investimenti fl-IT (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020)6126 final tal-10.9.2020, paġna 7).

Subtotal ta' Oħrajn - INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,005	0,005	0,005	0,005				0,020

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**-**	**-**	**-**	**Total**
Nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva (ma tinkludix il-persunal estern) minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA"):								
- fil-Kwartieri Ġenerali								
- fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni								
Nefqa oħra ta' tmexxija għar-riċerka								
Nefqa politika tal-IT fuq programmi operazzjonali[31]								
Nefqa korporattiva tal-IT fuq programmi operazzjonali[32]								
Linji baġitarji oħrajn mhux relatati mal-HR (*speċifika fejn meħtieġ*)								
Subtotal ta' Oħrajn – Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Total ta' nefqa amministrattiva oħra (l-Intestaturi kollha tal-QFP)	0,005	0,005	0,005	0,005				0,020

[31] Hija meħtieġa l-opinjoni tad-DĠ DIGIT – Tim tal-Investimenti fl-IT (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020)6126 final tal-10.9.2020, paġna 7).

[32] Din il-partita tinkludi sistemi amministrattivi lokali u kontribuzzjonijiet għall-kofinanzjament ta' sistemi korporattivi tal-IT (ara l-Linji Gwida dwar il-Finanzjament tal-IT, C(2020)6126 final tal-10.9.2020).

3. Kostijiet amministrattivi totali (l-Intestaturi kollha tal-QFP)

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Sommarju	2024	2025	2026	2027	-	-	-	Total
Intestatura 7 - Riżorsi Umani	1,424	1,424	1,424	1,424				5,696
Intestatura 7 – Nefqa amministrattiva oħra	0,005	0,005	0,005	0,005				0,010
Subtotal ta' Intestatura 7	1,429	1,429	1,429	1,429				5,716
Barra mill-Intestatura 7 – Riżorsi Umani								
Barra mill-Intestatura 7 – Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal ta' Intestaturi Oħrajn								
TOTAL INTESTATURA 7 u Barra mill-INTESTATURA 7	1,429	1,429	1,429	1,429				5,716

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti.

4. Metodi tal-kalkolu użati għall-istimi tal-kostijiet

4.1. Riżorsi umani

Din il-parti tispjega l-metodu tal-kalkolu li ntuża sabiex jiġu stmati r-riżorsi umani kkunsidrati meħtieġa (assunzjonijiet tal-ammont ta' xogħol, inklużi karigi speċifiċi (il-profili tax-xogħol tas-Sysper 2), il-kategoriji tal-persunal u l-kostijiet medji korrispondenti)

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali
NB: Il-kostijiet medji għal kull kategorija tal-persunal fil-Kwartieri Ġenerali jinsabu fuq BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/financial-statement.aspx
• Uffiċjali u persunal temporanju
• Persunal estern

Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali
• Pożizzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tar-riċerka biss
• Persunal estern

4.2. Nefqa amministrattiva oħra

Aġħti dettalji dwar il-metodu tal-kalkolu użat għal kull linja baġitarja

u partikolarment l-assunzjonijiet sottostanti (eż. in-numru ta' laqgħat kull sena, il-kostijiet medji, eċċ.)

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali
Il-kostijiet tal-missjonijiet huma relatati mar-rieżamijiet fil-pajjiż benefiċjarju, bl-għan li jiġi vvalutat il-progress li jkun sar mill-pajjiż benefiċjarju dwar il-kundizzjonalitajiet tal-AMF mehmuża.

Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali